**31 ta' Lulju, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Joseph Mallia

*versus*

Joseph Falzon u b'digriet tat-3 ta' Diċembru, 1992, ġie kjamat fil-kawża Mark Laferla għan-nom ta' Laferla Insurance Agency Limited bħala aġent ta' Crowe Motor Policies at Lloyds u Dr. Giannino Caruana Demajo għan-nom ta' Middle Sea Insurance Company Ltd., u b'nota tal-25 ta' Mejju, 1995, Mario C. Grech assuma l-atti tal-kawża għan-nom u fl-interess tas-soċjeta` Middle Sea Insurance Co. Ltd. minflok l-Onorevoli Imħallef Dr. Giannino Caruana Demajo

**Inċident Awtomobilistiku - Assikurazzjoni - Kap. 104 - Relazzjoni Ġuridika**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet talba attriċi fis-sens illi l-fatt illi saret* claim *ma' l-assikurazzjoni u anke* survey *preventiv b'ebda mod ma kien jimporta assunzjoni ta' responsabbilita għad-danni.*

Il-Qorti:-

Il-konvenut qed jappella minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut *nomine* biex iħallas is-somma ta' Lm250.00 lill-attur dovuti mill-konvenut stante danni kkaġunati meta l-karozza F-8026 proprjeta` tal-konvenut investiet il-karozza T-8310 ta' l-attur li kienet wieqfa u kkaġunatilha ħsara għal-liema inċident il-konvenut kien unikament responsabbli;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijie tal-konvenut a fol. 2;

Rat ir-rikors ta' l-1 ta' Diċembru, 1992 (fol. 18);

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Mark Laferla *noe* (fol. 31); u n-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri a fol. 35;

Rat il-verbal tat-13 ta' Mejju, 1993 a fol. 39;

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju, 1993 a fol. 40;

Rat il-verbal tas-6 ta' Diċembru, 1993 fejn l-aviż ġie korrett;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar, 1994;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

Il-kjamat fil-kawża qed jissottometti li hu m'għandu ebda rapport ġuridiku ma' l-attur;

Il-konvenut qed jissottometti li meta seħħ l-inċident hu kellu polza ta' assikurazzjoni maħruġa mill-kjamat fil-kawża. Dan kien għamel trattativi ma' l-attur u anke għamillu proposta għall-arranġament. Il-konvenut kien anke ħallas *excess* biex il-kjamat fil-kawża jkun jista' jikkunsidralu l-*claim* li għamel;

Mill-provi prodotti jirriżulta bla dubbju li l-attur ma kellu ebda tort għall-inċident billi l-karozza tiegħu kienet wieqfa, ipparkjata, u kienet il-karozza tal-konvenut li baqgħet dieħla fih;

Li għalhekk l-attur għandu dritt għar-risarċiment tad-danni kkawżati fil-karozza tiegħu mill-konvenut;

Dwar ir-relazzjoni tal-konvenut mal-kjamat fil-kawża u jekk dan ta' l-aħħar għandux iħallas dawn id-danni abbażi tal-*claim* li l-konvenut għamel, din hi ħaġa oħra li l-Qorti ma tistax tidħol fiha f'dina l-kawża, imma għandha tkun meritu ta' kawża oħra;

L-attur talab is-somma ta' Lm67.50 bħala *loss of use* u l-kumplament tal-ħsara li teċċedi l-Lm250, ġiet ridotta entro l-kompetenza ta' din il-Qorti fl-ammont totali ta' Lm250;

Skond Carmelo Saliba, prodott mill-kjamat fil-kawża, l-karozza ta' l-attur kellha *pre-accident value* ta' Lm500 u biex tissewwa l-valur jeċċedi Lm500;

Ma saritx kontestazzjoni dwar l-ammont pretiż mill-attur u billi jidher li l-ħsara biex tissewwa l-karozza jeċċedi l-*pre-accident value* tal-karozza, l-Qorti qed tilqa' t-talba ta' l-attur għas-somma totali ta' Lm250 bħala ħsara;

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur għas-somma ta' Lm250 bl-ispejjeż kontra l-konvenut; salv impreġudikati d-drittijiet li jista' jkollu l-konvenut kontra l-kjamat fil-kawża;

L-ispejjeż tal-kjamat fil-kawża għandhom jitħallsu mill-kjamat fil-kawża stess";

Dan hu l-aggravju tal-kjamat fil-kawża:

"L-Ewwel Qorti, wara li ġustament qieset li l-attur ma kellu ebda tort għall-inċident u danni qalet li ma kellhiex tidħol fil-kwistjoni ta' l-assikurazzjoni għax din kienet ħaġa ta' *bejn* il-konvenut u l-kjamat in kawża li se mai kellha tkun meritu ta' kawża oħra;

L-appellant isostni li dan hu argument żbaljat meta tqis li l-kjamati fil-kawża ipproċessaw fit-tul il-*claim* relattiva u **ttrattaw ma' l-istess attur** u kienu huma (u huma biss) li ħadu f'idejhom dak kollu li kellu x'jaqsam mal-kwantifikazzjoni tad-danni ta' l-attur u wara li huma ukoll qablu li l-attur ma kellux ħtija għall-inċident. Dana apparti l-fatt li l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta ma jħallix li l-kumpanniji assikuratriċi jkunu estraneji

għad-danneġġat meta assikurat tagħhom ikun *responsabbli* (bħala danneġġjant obbligat) *vis-a-vis* id-danneġġat;

Il-konvenut ibbaża dan l-aggravju fuq din id-deskrizzjoni tal-fatti li, skond hu, *jirriżultaw mill-atti*:

"Il-fatti fil-qosor kienu dawn: fil-31 ta' Lulju, 1991 xi s-1.15 a.m. il-karozza ta' l-attur kienet ipparkjata f'Buġibba. Meta resaq għal fuqha l-Van nru. T-8026 ta' l-esponent appellant u saret ħsara lill-karozza ta' l-attur. In segwitu, l-esponent *irrapporta* l-każ lill-assikuraturi *tiegħu (il-kjamati in kawża) fl*-uffiċċju ta' Laferla fi Strada Forni, il-Belt. L-esponent u l-attur marru flimkien għand Laferla u *l-attitudni ta' dawn kienet* konsistentement li ser iħallsu. Huma iffotografaw il-karozza ta' l-attur oltre li saret spezzjoni tal-ħsara mis-*surveyor tagħhom*. Dan is-*surveyor* spezzjona ukoll il-van ta' l-esponent. Imbagħad Laferla bdew jgħidu li l-ammont ta' *danni pretiż* mill-attur kien eċċessiv għax il-karozza kienet vettura antika ġa` mimlija sadid. Wara li *għadda ħafna żmien u l-file* relattiv ta' Laferla ħxien ġmielu, l-istess assikuraturi daru fuq l-esponent u qalulu li ma kinux ser iħallsu lill-attur għax il-van kellu difett fil-*handbrake* u riedu anke iħassru l-polza unilateralment b'effett retroattiv";

<u>L-attur</u> appellat irrisponda li s-sentenza hi ġusta u timmerita konferma u in rigward tat-talba ta' l-appellant li s-sentenza kellha tkun fil-konfront tal-kjamat fil-kawża hu ma opponiex għal tali talba u rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Risposta aktar minn komprensibbli in kwantu jekk l-appell jiġi milqugħ il-pagament ikun assigurat mis-soċjeta` kjamata fil-kawża;

<u>Il-kjamati fil-kawża *nomine*</u> min-naħa tagħhom jopponu l-appell għax isostnu li huma ma kellhom l-ebda rapport ġuridiku

ma' l-attur u qatt ma seta' kellhom tali *rapport* "ħlief limitatament bl-operazzjoni ta' l-artikoli rilevanti tal-Kap. 104";

Jissottomettu illi l-proċeduri kkontemplati *fil-Kap. 104* għall-formazzjoni ta' rapport ġuridiku bejn l-attur u s-soċjeta' assiguratriċi tal-konvenut ma ġewx osservati "b'mod li fl-assenza totali ta' tali dritt u ta' kwalsiasi *rapport* ġuridiku t-talbiet attriċi qatt ma setgħu jiġu indirizzati b'suċċess kontra tagħhom";

Il-kjamati fil-kawża hekk ikomplu jesponu:

"Il-fatti" dettaljati mill-appellant huma relattivament ġodda. Ma rriżultawx mill-provi fil-kawża u ċertament ma ġrawx fir-realta'. Il-"ħxuna" fil-*file* ta' l-esponenti kien prinċipalment dovut għall-korrispondenza maż-żewġ kontendenti l-oħra fejn l-esponenti avżaw lill-attur illi s-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) allura pretiża minnu kienet inaċċettabbli u li l-konvenut appellant ma kienx kopert taħt il-polza u fejn, f'korrispondenza separata l-konvenut appellant ġie nfurmat illi l-inċident ma kienx kopert taħt il-polza. Huwa minnu illi l-vettura ta' l-attur ġiet spezzjonata minn *surveyor* ta' l-esponenti. Dan il-fatt qiegħed illum jiġi mogħti piż kbir mill-konvenut appellant. L-esponenti jikkonfessaw illi huma ma jistgħux jifhmu n-natura legli tal-piż illum attribwit mill-konvenut appellant. Il-fatt illi vettura tiġi eżaminata (partikolarment meta qegħdin isiru talbiet fantastiċi tad-danni sofferti biha) hija manifestazzjoni ta' suspett - jew almenu ta' kontroll - fuq id-danni reklamati u mhux xi turiha ta' kunsens jew aċċettazzjoni ta' ħlas. Din hija s-sottomissjoni ta' l-esponenti u jidher illi hija ukoll il-fehma ta' l-attur illi - inkonxju tar-rapport ġuridiku bejnu u l-esponenti - issa mpost fuqu mill-appellant - għażel illi jipproċedi direttament u esklussivament kontra l-appellant";

L-appell tal-konvenut hu bbażat fuq il-presuppost illi wara l-inċident bħala konsegwenza tal-*claim* magħmula minnu lis-soċjeta` assiguratriċi tiegħu, minnu kjamata in kawża, inħolqot relazzjoni kontrattwali ġdida bejn l-istess soċjeta` u l-attur li bħala riżultat tagħha mhux biss dik is-soċjeta` assumiet responsabbilita` sħiħa għall-ħlas tad-danni subiti mill-attur imma ukoll li l-istess attur aċċetta lill-istess soċjeta` assiguratriċi bħala debitriċi lejh għal dan id-debitu ad esklużjoni ta' l-istess konvenut. L-appellant qiegħed allura jippretendi illi mhux biss is-soċjeta` kjamata fil-kawża aċċettat li tħallas id-danni kollha meritu tal-kawża, imma ukoll illi hu għandu jiġi meħlus minn kull obbligu fil-konfront ta' l-attur li miegħu ċertament, bħala konsegwenza ta' l-inċident stradali, li għalih hu kien *ex admissis* responsabbli, inħolqot relazzjoni ġuridika *ex delictu* għar-risarċiment tad-danni. *Mhux eskluż fit-teorija li* tali sitwazzjoni tista' tinħoloq fejn id-danneġġjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaġuna l-ħsara jiedħlu f'relazzjoni diretta bejniethom, li bħala riżultat tagħha, is-soċjeta` assikuratriċi tassumi pjenament ir-responsabbilita` għall-ħlas tad-danni u dana bl-aċċettazzjoni da parti tad-danneġġjat li jeħles lil min kien ikkaġunalu l-ħsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jeħtieġ li jkun espliċitu, ċar u univoku u magħmul fil-forma li tesiġi l-liġi. Ftehim li jrid ukoll isir in osservanza tal-provvedimenti tal-Kap. 104 kif ġustament irrilevat mis-soċjeta` appellata;

Hu utili allura li qabel ma l-Qorti tinoltra ruħha f'eżerċizzju ta' analisi ġuridika ta' l-aggravji ta' l-appellant, hi tikkunsidra jekk jirriżultawx l-elementi ta' fatt meħtieġa biex isostnu tali aggravju. Naturalment, jekk dawn l-elementi fattwali ma jiġux ippruvati kull indaġini ulterjuri tkun superfluwa;

Kif sewwa rrilevat is-soċjeta` assiguratriċi l-Qorti trid neċessarjament tkun iggwidata bil-provi mressqa quddiemha.

Trid tiddeċidi *iuxta allegata et probata*. Eżami ta' dawn il-provi - verament skarsi - bl-ebda mod ma jwassal għall-konvinċiment illi kien hemm xi assunzjoni da parti tas-soċjeta` assikuratriċi kjamata fil-kawża li tagħmel tajjeb għad-danni reklamati mill-attur. Jirriżulta anzi l-kontra. Waqt li hu veru illi l-konvenut għamel *claim* ma' l-assigurazzjoni tiegħu u din bagħtet is-*surveyor* tagħha biex jeżamina l-ħsara, hu stabbilit li l-konvenuti *nomine* minnufih rrifjutaw li jagħmlu tajjeb għall-ammont ta' danni ta' Lm700 inizjalment reklamat mill-attur u ma sar qatt ftehim fuq il-*quantum* tad-danni. Għall-kuntrarju kien hemm kontestazzjoni dwar il-validita` tal-*claim* minħabba difett sostanzjali li, skond il-kjamati fil-kawża, kien jinfiċċja l-polza;

Jixhed l-istess konvenut:

"Ta' l-*insurance* tiegħi qalu lill-attur li kienu sejrin jaraw il-karozza tiegħu. Fil-fatt dawn marru jarawha pero` ma ftehmux fuq il-prezz. Ta' l-*insurance* tiegħi dar fuqi wara xi ġimgħa u qalli li rrid inħallas jien għax kelli *technical fault*. Jien lil ta' l-*insurance* għidtlu li l-van ma kellu l-ebda *technical fault*";

Wara dan, il-konvenut qabbad *surveyor* indipendenti biex jeżamina l-karozza u beda trattativi ma' l-assikurazzjoni tiegħu dwar il-validita` tal-polza li pero` sal-lum ma jidhirx li ġew risolti. Minn dan biss hu ovvju li mhux biss is-soċjeta` assiguratriċi ma assumiet l-ebda responsabbilita` għall-ħlas tad-danni, f'isem u minflok l-assigurat tagħha, imma għal kuntrarju, hi intimatu li ma kinitx sejra tkoprih u li kienet se tieħu passi biex tannulla l-polza. Minn dak li l-Qorti tista' tifhem mill-atti proċesswali, id-diskussjonijiet li kien hemm kienu l-aktar jekk mhux esklussivament bejn il-konvenut u s-soċjeta` assiguratriċi tiegħu minnu kkjamata fil-kawża dwar ir-

rifjut ta' din li tagħmel tajjeb għad-danni reklamati, u mhux mad-danneġġjat dwar ir-responsabbilita` għad-danni u l-*quantum* tagħhom;

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjeta` assiguratriċi illi l-fatt li preventivament hi awtorizzat *survey* tal-vettura biex tistabbilixxi l-estensjoni tal-ħsarat, bl-ebda mod ma jammonta waħdu għal xi rikonoxximent da parti tagħha li tagħmel tajjeb għal dawn id-danni konsegwenzjali għall-inċident li fih kien involut l-assigurat tagħha;

F'dan l-istat ta' provi li bl-ebda mod ma jinkwadraw fir-relazzjoni ġuridika prospettata mill-konvenut fl-appell tiegħu, il-Qorti ma tarax kif l-appellant jista' jibqa' jsostni l-aggravju tiegħu;

Utili f'dan il-kuntest it-teżi ta' l-avukat Yana Micallef Stafrace *Legal Developments in the Field of Motor Vehicle Insurance - 1986* u l-każistika fiha miġbura, fosthom: **Dr. F. Mallia** *vs* **Joseph Sammut** *et*, Prim'Awla, 26 ta' Ġunju, 1981; **Dr. J.F. Cassar Galea** *vs* **M.C. Borg** *et*, Prim'Awla, 13 ta' Ottubru, 1986; **Andrea Sant** ***vs*** **George Agius** ***noe et***, Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Mejju, 1980; u **Micallef** ***vs*** **Cassar**, Qorti ta' l-Appell, Vol. XXXVII, P.I., p. 140; Vol. XLIX, P.I., p. 158 u oħrajn;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.